



Id-dritt tal-Unjoni jipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprojbixxi lil qorti li quddiemha jitressaq rikors għad-danni bbażat fuq allegazzjoni ta' diskriminazzjoni milli tikkonstatata l-eżistenza ta' din id-diskriminazzjoni meta l-konvenut jaċċetta li jħallas il-kumpens mitlub mingħajr ma jirrikonoxxi din id-diskriminazzjoni

Is-sempliċi f'las ta' ammont pekunjarju ma huwiex tali li jiżgura l-protezzjoni ġudizzjarja effettiva ta' persuna li titlob li jiġi kkonstatat li hija kienet vittima ta' tali diskriminazzjoni

FI-2015, il-kmandant abbord ta' titjira interna fl-Isvezja operata mill-kumpannija tal-ajru Braathens Regional Aviation AB iddeċieda li jissuġġetta passiġġier ta' oriġini Ċilena residenti fi Stokkolma (l-Isvezja) għal kontroll ta' sigurtà addizzjonali.

F'isem dan il-passiġġier, li kien iqis li kien is-suġġett ta' diskriminazzjoni għal raġunijiet marbuta mal-apparenza fiżika tiegħu u mal-appartenenza etnika tiegħu, id-Diskrimineringsombudsmannen (l-Ombudsman kontra d-Diskriminazzjoni, l-Isvezja) talab lill-iStockholms tingsrätt (il-Qorti tal-Ewwel Istanza ta' Stokkolma, l-Isvezja) tikkundanna lil Braathens tħallas lill-imsemmi passiġġier kumpens għal diskriminazzjoni.

Braathens aċċettat li tħallas is-somma mitluba mingħajr madankollu ma rrikonoxxiet l-eżistenza ta' diskriminazzjoni. L-iStockholms tingsrätt għalhekk ikkundannatha għall-filas ta' din is-somma iżda ddikjarat inammissibbli t-talbiet tad-Diskrimineringsombudsmannen intiżi li tinkiseb sentenza dikjaratorja li tikkonstatata l-eżistenza ta' diskriminazzjoni. Din il-qorti qieset li, skont id-dritt proċedurali Svediż, hija kienet marbuta bil-kunsens ta' Braathens u kienet għalhekk marbuta li taqta' l-kawża mingħajr ma teżamina l-eżistenza ta' eventwali diskriminazzjoni. Wara li, mingħajr suċċess, ippreżenta appell mis-sentenza tal-iStockholms tingsrätt, id-Diskrimineringsombudsmannen ippreżenta appell quddiem il-Högsta domstolen (il-Qorti Suprema, l-Isvezja).

Peress li kellha dubji dwar il-konformità tal-leġiżlazzjoni Svediża mar-rekwiżiti tad-Direttiva 2000/43¹ li timplimenta l-prinċipju ta' trattament ugwali bejn il-persuni irrispettivament mill-oriġini tar-razza jew l-oriġini etnika, moqrija fid-dawl tal-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem il-"Karta"), li tiggarantixxi lil kull persuna d-dritt għal rimedju effettiv, il-Högsta domstolen iddeċidiet li titlob lill-Qorti tal-Ġustizzja jekk, fil-każ ta' kunsens tal-konvenut għat-talba għal kumpens tar-rikorrent, il-qorti tistax madankollu teżamina l-kwistjoni tal-eżistenza ta' diskriminazzjoni fuq talba tal-parti li tqis li kienet is-suġġett tagħha.

Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

Qabel kollox, il-Qorti tal-Ġustizzja tfakkar li l-għan tad-Direttiva 2000/43 huwa li tistabbilixxi qafas għall-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni bbażata fuq ir-razza jew l-oriġini etnika, sabiex timplimenta l-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament fl-Istati Membri. L-osservanza ta' dan il-prinċipju teħtieġ li tiġi ggarantita protezzjoni ġudizzjarja effettiva tad-dritt għal ugwaljanza fit-trattament tal-persuni li jqisu lilhom infushom vittmi ta' tali diskriminazzjoni, kemm jekk dawn il-persuni jaġixxu direttament jew permezz ta' assoċjazzjoni, ta' organizzazzjoni jew ta' persuna ġuridika. Barra minn hekk, is-

¹ Direttiva tal-Kunsill 2000/43/KE tad-29 ta' Ġunju 2000 li timplimenta l-prinċipju tat-trattament ugwali bejn il-persuni irrispettivament mill-oriġini tar-razza jew l-etniċità (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 20, Vol. 1, p. 23).

sistema ta' sanzjonijiet stabbilita għat-traspożizzjoni ta' din id-direttiva fl-ordinament ġuridiku ta' Stat Membru għandha tiżgura protezzjoni ġudizzjarja effettiva u effikaċi tad-drittijiet li jirriżultaw minnha. Is-severità tas-sanzjonijiet għandha tikkorrispondi mal-gravità tal-ksur li huma jissanzjonaw, b'mod partikolari billi jiżguraw effett realment dissważiv, filwaqt li josservaw il-prinċipju ġenerali ta' proporzjonalità.

F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja tiddeċiedi li l-Artikoli 7 u 15 tad-Direttiva 2000/43, moqrija fid-dawl tal-Artikolu 47 tal-Karta, **jipprekludu leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprojbixxi lil qorti li quddiemha jitressaq rikors għad-danni bbażat fuq allegazzjoni ta' diskriminazzjoni pprojbita minn din id-direttiva milli teżamina t-talba intiża li tiġi kkonstatata l-eżistenza ta' din id-diskriminazzjoni, meta l-konvenut jaċċetta li jħallas il-kumpens mitlub mingħajr madankollu ma jirrikonoxxi l-eżistenza ta' diskriminazzjoni.**

Fil-fatt, fl-ewwel lok, mill-Artikolu 7 tad-Direttiva 2000/43 jirriżulta li kull persuna li tqis li hija vittma ta' diskriminazzjoni bbażata fuq ir-razza jew l-oriġini etnika għandha tkun tista', fil-kuntest ta' proċedura intiża li tinvoka d-drittijiet ibbażati fuq il-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament, tikseb li l-qorti tagħti deċiżjoni dwar ksur possibbli ta' dawn id-drittijiet, fin-nuqqas tal-konvenut li jirrikonoxxi l-allegata diskriminazzjoni. Għaldaqstant, **is-sempliċi ħlas ta' ammont pekunjarju ma huwiex tali li jiżgura l-protezzjoni ġudizzjarja effettiva ta' persuna li titlob li tiġi kkonstatata l-eżistenza ta' tali preġudizzju.**

Fit-tieni lok, leġiżlazzjoni nazzjonali bħal din tmur kontra kemm il-funzjoni riparatriċi kif ukoll il-funzjoni dissważiva li għandu jkollhom is-sanzjonijiet previsti mill-Istati Membri, skont l-Artikolu 15 tad-Direttiva 2000/43. Fil-fatt, **il-ħlas ta' ammont pekunjarju ma huwiex biżżejjed sabiex jiġu ssodisfatti t-talbiet ta' persuna li jkollha l-intenzjoni li bħala prijorità jiġi rrikonoxxut, bħala kumpens għad-dannu morali mġarrab, li hija kienet vittma ta' diskriminazzjoni.** Bl-istess mod, **l-obbligu li titħallas somma flus ma jistax jiżgura effett realment dissważiv fir-rigward tal-awtur ta' diskriminazzjoni** billi, bħal f'dan il-każ, il-konvenut jikkontesta l-eżistenza ta' kwalunkwe diskriminazzjoni iżda jqis iktar vantaġġu, f'termini ta' spejjeż u ta' immaġni, li jħallas il-kumpens mitlub mir-rikorrent. Il-Qorti tal-Ġustizzja tippreċiża wkoll li l-possibbiltà li titressaq azzjoni kriminali, minħabba l-għanijiet proprji li din l-azzjoni għandha kif ukoll minħabba restrizzjonijiet inerenti għaliha, ma tippermettix li jiġi rrimedjat nuqqas ta' konformità ta' rimedji fil-qasam ċivili mar-rekwiżiti ta' din id-direttiva.

Fit-tielet lok, il-Qorti tal-Ġustizzja tenfasizza li din l-interpretazzjoni ma hijiex ikkontestata minn prinċipji jew kunsiderazzjonijiet ta' dritt proċedurali bħall-prinċipju dispożittiv, il-prinċipju ta' ekonomija tal-ġudizzju u r-rieda li jkun promoss ftehim bonarju dwar it-tilwimiet. Fil-fatt, minn naħa, leġiżlazzjoni nazzjonali bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali għandha l-effett li tittrasferixxi l-kontroll tal-kawża lill-konvenut, fil-każ ta' kunsens tal-konvenut għall-ħlas tal-kumpens mitlub, peress li r-rikorrent ma jkunx jista' iktar jikseb deċiżjoni dwar il-kawża tat-talba u lanqas ma jkun jista' jopponi t-tmiem l-istanza li huwa stess ikun beda. Min-naħa l-oħra, qorti nazzjonali bl-ebda mod ma tikser il-prinċipju dispożittiv jekk, minkejja l-kunsens tal-konvenut għall-ħlas tal-kumpens mitlub mir-rikorrent, teżamina l-eżistenza jew le ta' din id-diskriminazzjoni allegata mir-rikorrent, peress li dan l-eżami jirrigwarda l-kawża tat-talbiet għad-danni, li taqa' taħt is-suġġett tal-kawża.

Fl-aħħar, fir-raba' lok, il-Qorti tal-Ġustizzja tfakkar li d-dritt tal-Unjoni ma jobbligax, bħala prinċipju, lill-Istati Membri jistabbilixxu quddiem il-qorti nazzjonali tagħhom, bil-għan li jiżguraw il-protezzjoni tad-drittijiet li l-partijiet f'kawża jisiltu mid-dritt tal-Unjoni, rimedji legali minbarra dawk stabbiliti mid-dritt nazzjonali. Madankollu, hija tirrileva li, f'dan il-każ, **ir-rispett tad-dritt tal-Unjoni ma jobbligax li jiġi impost rimedju legali ġdid, iżda sempliċement jeżiġi li l-qorti nazzjonali tirrifjuta li tapplika r-regola proċedurali li tipprovdi li ma tkunx tista' tagħti deċiżjoni dwar l-eżistenza tal-allegata diskriminazzjoni,** u dan, minħabba l-inkompatibbiltà ta' din ir-regola mhux biss mal-Artikoli 7 u 15 tad-Direttiva 2000/43, iżda wkoll mal-Artikolu 47 tal-Karta. Fil-fatt, dawn l-artikoli tad-Direttiva sempliċement jikkonkretizzaw id-dritt għal rimedju ġudizzjarju effettiv, kif iggarantit mill-Artikolu 47 tal-Karta, li huwa suffiċjenti fih innifsu sabiex jagħti lill-individwi dritt invokabbli f'tilwima bejn individwi.

NOTA: Ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari jippermetti, lill-qorti tal-Istati Membri fil-kuntest ta' kawża mressqa quddiemhom, li jitolbu lill-Qorti tal-Ġustizzja interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni jew li tiddeċiedi dwar il-validità ta' att tal-Unjoni. Il-Qorti tal-Ġustizzja ma taqtax il-kawża nazzjonali. Hija l-qorti nazzjonali li għandha ssib soluzzjoni għall-kawża skont id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja. Din id-deċiżjoni torbot, bl-istess mod, lill-qorti nazzjonali l-oħra li quddiemhom titressaq problema simili.

Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.

It-[test sħiħ](#) tas-sentenza jinsab fis-sit CURIA mill-jum li fih tingħata s-sentenza

Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit ☎ (+352) 4303 3355